MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 425/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**Vs**
**Omissis**
**Kurt Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant (316082)(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gżejjer f'Diċembru tas-sena 2001 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' għamlu falsifikazzjoni tal-firem tas-signatarji taċ-ċekkijiet maħruġin fuq Rascala of Malta Limited u persuni oħra fuq ċekkijiet tal-HSBC, Bank of Valletta u banek oħra fuq l-akkont tar-Rascala of Malta Limited u aktar talli xjentement għamlu użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

2. Iffalsifikaw ċedola, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' ċekkijiet tal-HSBC u l-Bank of Valletta u banek ohra, illi meta jigu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli għamlu użu mill-istess karti msemmija.

3. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen eżistenza ta' ntrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, għamlu qliegħ ta' ammont ta' flus li jeċċedi l-elfejn Lira Maltin (Lm2000) ghad-dannu tal-Bank of Valletta, HSBC, Marita Dowling, Sergio Zampa, Dolceria Golosa, Edward Smith, Tip Top Limited, Royal Impact, Melita Pharmacy, Aroma Confectionery, A. Fenech, Johann Sammut, J. Cossai, Dowling Cellar u diversi persuni oħra u dan billi pprezentaw ċekkijiet tal-Bank of Valletta u l-HSBC fuq l-akkont tar-Rascala of Malta Limited lil persuni jew kumpaniji msemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310 tal-Kap. Sabet lill-appellant hati tal-akkuzi u kkundannatu sentejn prigunerija sospizi għall-erba' snin, u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre dan ai termini tal-artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 ordnat lill-

appellant iħallas lill-vittmi kollha li xehdu f'dawn il-proċeduri l-ammonti msemmija minnhom (liema ammonti qatt ma ġew kontestati mill-imputati) u dan fi żmien sitt xhur. Ordnat ukoll li l-appellant jitpoġġa taħt Ordni ta' Supervizjoni tul is-sentenza sospiza, w dan skond l-ordni anness ma' din is-sentenza, w dan ai termini tal-artikolu 28G (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-14 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-ħtija, iżda tagħti sentenza aktar ġusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

L-appellant isostni li għaddew madwar tmien snin minn mindu sar ir-reat sa meta ingħatat is-sentenza. F'dawn it-tmien snin l-appellant kien eżemplari u fil-fatt qatt ma ġie akkuzat b'reat iehor. L-appellant obbliga ruħu anki fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti li jħallas tali ammont dovut. B'hekk qed jara li l-piena ta' sentejn priġunerija huwa piena li mhix ekwa maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u anki li huma sospiżi għal erba' snin, hija l-massimu li l-Qorti setgħet tagħti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett bħala prassi din il-Qorti ma tindaħalx fil-piena mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti sakemm din tkun fil-parametri tal-Liġi u jekk ma jkunx hemm raġunijiet impellenti biex il-piena tinbidel.

Issa f'dan il-każ l-appellant qed jitlob riforma dwar il-piena ta' sentejn priġunerija mogħtija mill-Ewwel Onorabbi Qorti kif ukoll dwar iż-żmien għalkemm din hija sospiża..

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonsidrat dawn l-artikoli 167 u 169 (it-tieni imputazzjoni) , 183 u 184 (l-ewwel imputazzjoni) u 308, 309 u 310 (it-tielet imputazzjoni).

Ħarsa ħafifa lejn l-artikoli msemmijin fis-sentenza turi li hemm piena ta' tlettax-il xahar sa 4 snin għall-ksur tal-artikolu 167 u l-istess piena għall-ksur tal-artikolu 169. Issa skond ma jgħid il-Professur Mamo fl-Ewwel Parti tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kriminali dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 17, it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni ma tistax tkun assorbita fl-ewwel parti tal-istess imputazzjoni. Il-fatt li l-Prosekutur għażel li jsemmi l-ksur taż-żewġ artikoli f'impoutazzjoni waħda ma jbiddilx din ir-realta'. Isegwi li l-aktar li wieħed jista' japplika huwa l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 għat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni.

Dwar l-ewwel imputazzjoni (li wkoll fiha ksur ta' żewġ artikoli tal-Kap 9 distinti minn xulxin), l-Ewwel Qorti kkonsidrat l-artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 li jġorru l-istess piena tal-artikoli 167 u 169 imsemmijin aktar 'il fuq.

Jekk l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni jew vice versa u wkoll jekk it-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel jew fit-tieni imputazzjoni,
jew jekk l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma assorbita fit-tielet, peress li l-imputat għamel qligħ ta' ammont ta' flus li dak iż-żmien kien jeċċedi l-Lm2000, il-peina applikabbli hija dik indikata mill-artikolu 310(1)(a) – jiġifieri bejn tlettax-il xahar u seba' snin.

Jidher li kien hemm xahar (Diċembru 2001) fejn inħarġu numru ta' ċekkijiet (ara fol 274 tal-proċess jew 27 tas-sentenza) u li għalhekk l-att sarx darba biss. Għalhekk b'applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b) (vii)(ix)(iv) tal-Kap 9 l-appellant kien suġġett għal piena ta' bejn tmintax-il xahar u tnax-il sena.

L-ewwel Qorti kkonsidrat ukoll li l-appellant kellu fedina penali nadifa (skond kif ippreżentata mill-Prosekuzzjoni) iżda skond dik ippreżentata mill-Probation Officer huwa kellu żewġ rati oħra mniżżlin (pussess ta' droga u sewqan bla polza ta'assigurazzjoni).

Mill-konsiderazzjonijiet matematiċi ta' hawn fuq jidher li l-piena mobgħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet fil-parametri tal-Liġi u li din il-Qorti qieset il-fatturi kollha inklużi l-ammont u l-fedina penali. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma l-piena ta' sentejn mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti bħala waħda idonea. Għalhekk l-aggravju dwar l-ammont qed ikun respint.

It-tieni aggravju tal-appellant (għalkemm dan mhux speċifikat bħala t-tieni wieħed b'mod distint) (ara paġina 288) huwa dwar it-tul ta' żmien li għalih il-piena hija sospiża. Iżda la-rtikolu 28I (2)(a) tal-Kap 9 jgħid li ma jsitax ikun hemm appell dwar it-tul taż-żmien tal-perjodu operattiv. Għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun ukoll respint.

Il-fatt li l-appellant ma kienx akkużat b'xi reat ieħor ma jbiddel xejn minn dan kollu. Filfatt din l-asserzjoni mhix eżatta kif uriet tant tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Għalhekk il-Qorti qed tirrispinġġi l-aggravji tal-appellant u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onroabbli Qorti fis-7 t'Ottubru 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) versus Omissis u Kurt Gatt fl-intier tagħha biż-żmien tas-sospensjonijibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------